

Brussell, 18 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15415/23

SOC 768  
EMPL 551  
ECOFIN 1178

**NOTA**

---

minn: Presidenza  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Investiment Soċjali  
- Dibattitu ta' orjentazzjoni  
L-investiment soċjali u r-regoli fiskali tal-UE  
- Preżentazzjoni mill-Presidenza

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġetti ta' hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni u l-preżentazzjoni mill-Presidenza fil-Kunsill (EPSCO) fis-27 u t-28 ta' Novembru 2023.

## **Investiment Soċjali**

### **Nota ta' gwida għad-Dibattitu ta' orjentazzjoni**

L-iskop ta' din in-nota huwa li tmexxi d-dibattitu ta' orjentazzjoni tal-Kunsill dwar l-investment soċjali billi tiddekrivi xi elementi ta' informazzjoni ġenerali tal-politika (taqsima I), tissuġġerixxi xi mistoqsijiet biex jiggwidaw id-dibattitu (taqsima II) u tippreżenta l-fehma tal-Presidenza dwar l-elementi ewlenin tal-investment soċjali u r-regoli fiskali tal-UE (taqsima III).

\* \* \*

#### **I) Informazzjoni ġenerali dwar il-politika**

Il-Presidenza Spanjola tqis li l-kwistjoni tal-investment soċjali hija ta' importanza kbira. Wasal iż-żmien li jsir dibattitu politiku fil-Kunsill fuq dan is-suġġett.

Madankollu, billi s-suġġett huwa kumpless, huwa xieraq li r-riflessjonijiet politiċi f'dan il-qasam ikunu jistgħu jiġu bbażati wkoll fuq elementi tekniċi li jeħtieġu studju fil-fond u jiġbru fihom diversi dimensjonijiet.

Fl-14 ta' Lulju 2023, fil-laqgħa informali tagħhom, il-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali kellhom skambju ta' fehmiet dwar kif l-investment soċjali u r-riformi marbuta miegħu jistgħu jappoġġa ekonomiji reżiljenti b'mod effiċjenti, u dwar ir-rwol tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE. Diversi Ministri appoġġaw il-fehma li riformi u investment imfassla tajjeb ibbażati fuq approċċ ta' investment soċjali, u b'mod partikolari dawk li jrawmu l-kapital uman, jistgħu wkoll irendu gwadanji fil-produttività u aktar tkabbir ekonomiku minbarra li javvanzaw l-objettivi soċjali, filwaqt li appellaw għal aktar riflessjoni bbażata fuq l-evidenza.

Wara d-diskussjoni, il-Presidenza Spanjola u l-Presidenza Belġjana li jmiss tal-Kunsill tal-UE nedew Grupp ta' Ħidma Informali dwar l-Investment Soċjali (IWGSI). L-objettiv ewlieni tal-IWGSI, li jlaqqa' atturi istituzzjonali u nazzjonali differenti, huwa li jrawwem diskussjoni minn perspettiva akkademika dwar l-interazzjoni bejn l-investment soċjali u r-riformi, it-tkabbir ekonomiku, l-istabbilizzazzjoni makroekonomika u l-konverġenza soċjali 'l fuq.

24 pajjiż tal-UE ssieħbu fil-grupp ta' ħidma: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Iżvezja, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija. Barra minn hekk, rappreżentanti mid-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat EMPL tal-Parlament Ewropew, il-presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) u rappreżentanti tas-Sħab Soċjali tal-UE ħadu sehem fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma Informali.

Żewġ linji ewlenin ta' ħidma ġew diskussi fl-IWGSI. L-ewwel waħda ttrattat l-evidenza empirika li tikkonċerna r-redditi mikro u makroekonomiċi tal-investment soċjali. It-tieni linja kkonċentrat fuq il-metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-redditi tal-investment soċjali.

L-IWGSI ltaqa' erba' darbiet, fil-5 ta' Settembru 2023, fit-28 ta' Settembru 2023, fid-19 ta' Ottubru 2023, u fit-3 ta' Novembru 2023. Fit-8 ta' Novembru ġiet organizzata konferenza ta' livell għoli bl-isem "Social Investments for resilient economies and societies: EU fiscal rules fit for future" (L-investment soċjali għal ekonomiji u soċjetajiet reżiljenti: ir-regoli fiskali tal-UE adatti għall-futur) b'rappreżentanti mid-dinja akkademika u minn istituzzjonijiet nazzjonali u tal-UE sabiex jiġu diskussi s-sejbiet ewlenin tal-IWGSI. Il-ħidma ser tkompli fix-xhur li ġejjin, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għar-riflessjonijiet tal-Presidenza dwar it-tnejn ta' dibattitu politiku konġunt tal-Ministri għall-Finanzi u l-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali li ser isir fit-12 ta' Marzu 2024.

Bħala riżultat tal-ħidma mwettqa s'issa u tal-iskambji li saru, ġie prodott dokument ta' ħidma, li jipproponi definizzjoni operazzjonali tal-investment soċjali, jippreżenta l-letteratura dwar ir-redditi ekonomiċi u soċjali tal-investment soċjali, u jipproponi approċċi possibbli għall-evalwazzjoni tal-investment soċjali kif ukoll firxa wiesgħa ta' għodod metodoloġiċi għall-kejl tar-redditu tagħhom. Abbażi ta' din il-ħidma, il-Presidenza fasslet sett ta' messaġġi ewlenin li jiġbru fil-qosor is-sejbiet tad-dokument ta' ħidma u jidentifikaw xi linji ta' azzjoni possibbli. Il-messaġġi huma rrapportati hawn taħt.

## **II) Il-ministri huma mistiedna jiddiskutu l-mistoqsijiet li ġejjin:**

1. Il-ħidma sinifikanti li saret għall-avvanz tal-approċċ tal-investment soċjali fl-aġenda soċjali tal-UE hija impressjonanti. Investment soċjali mfassal tajjeb jista' jżid it-tkabbir ekonomiku, u b'hekk jappoġġa s-sostenibbiltà fiskali, iżda jista' ukoll jaqdi rwol kruċjali fil-promozzjoni tal-konverġenza soċjali 'l fuq. Fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, liema rwol speċifiku jista' jinqeda mill-investment soċjali u mir-riformi relatati miegħu? Kif jistgħu l-Istati Membri jiġu mħeġġa b'mod effettiv biex jinvestu f'din id-direzzjoni? Barra minn hekk, liema rwol vitali jista' l-EPSCO jaqdi f'dan il-kuntest?
2. Il-kundizzjoni ewlenija għall-appoġġ tat-tfassil ta' politika soċjali bbażata fuq l-evidenza tinsab fit-tisħiħ u fit-titjib tal-metodoloġija għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-redditi ekonomiċi u soċjali. Fl-aħħar snin, twettqu diversi inizjattivi f'dan ir-rigward, bħall-iżvilupp ta' metodi ta' statistika għal tbassir fl-immedjat biex l-indikaturi soċjali jingħataw aktar f'waqthom. Ħafna Stati Membri saħħew ukoll il-kapaċitajiet tagħhom ta' mikrosimulazzjoni jew implimentaw metodi oħra għall-valutazzjonijiet tal-impatt (ex ante u/jew mhumie). Liema miżuri speċifiċi tqisu meħtieġa biex politiki soċjali bbażati fuq l-evidenza jiġu implimentati u jimmaterjalizzaw fuq terminu qasir u medju fpajjżkom?

### III) Investiment soċjali - messaġġi ewlenin tal-Presidenza

Messaġġi ewlenin mill-Presidenza Spanjola u l-Presidenza Belġjana li jmiss ibbażati fuq il-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Informali dwar l-Investment Soċjali

#### Messaġġ 1: Perspettiva tul il-ħajja għall-istati soċjali moderni

- Il-perspettiva tul il-ħajja tinsab fil-qalba tal-istati soċjali tas-seklu 21. L-istati soċjali moderni huma taħlita bbilanċjata ta' żewġ dimensjonijiet:
  - o **Investiment soċjali**, jinkludi politiki li l-mira tagħhom hi li jgħollu u jżommu l-kwalità tal-"istokk" tal-kapital u tal-kapaċitajiet umani, kif ukoll li jtaffu u jtejbu l-"fluss" tat-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u ta' matul il-ħajja.
  - o **Protezzjoni soċjali**, tinkludi politiki mmirati lejn iż-żamma ta' "mezzi ta' lqugħ" universali u b'saħħithom bħala xibka ta' sikurezza għall-protezzjoni mill-implikazzjonijiet finanzjarji tar-riskji soċjali (bħall-mard, ix-xjuħija, l-aċċidenti fuq ix-xogħol u t-telf tal-impjieg) u l-istabbilizzazzjoni makroekonomika.
- L-għaqda ta' dawn il-funzjonijiet politiċi, li huma komplementari u jsaħħu lil xulxin reċiprokament, tirriżulta fl-hekk imsejjaħ **multiplikatur tul il-ħajja**. Il-frott tal-investment soċjali matul il-ħajja huwa r-redditu ta' benesseri f'ċirku virtuoż, f'termini ta' opportunitajiet ta' impjieg, benesseri, u ugwaljanza bejn il-ġeneri; u jgħinu biex jittaffa l-faqar intra u interġenerazzjonali.

#### Messaġġ 2: L-investment soċjali bħala mutur tat-tkabbir

- L-investment soċjali mfassal tajjeb jista' jżid it-**tkabbir ekonomiku**, u b'hekk jappoġġa s-sostenibbiltà fiskali, waqt li fl-istess ħin jippromwovi l-konverġenza soċjali 'l fuq.
- L-investment f'**edukazzjoni ta' kwalità**, inkluż fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC), jista' jħalli impatt dirett fuq it-tkabbir, billi jżid l-opportunitajiet ta' impjieg (u b'hekk inaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjegi u dik fil-pagi bejn il-ġeneri), il-kapaċità tal-innovazzjoni u l-produttività, biex b'hekk ukoll iwessa' l-bażi tat-taxxa b'perspettiva għall-futur għall-ġid tal-finanzi pubbliċi.

- L-investiment fit-**tiġdid u t-titjib tal-ħiliet** jista' ukoll irawwem it-tkabbir ekonomiku billi jżid il-kompetittività u l-produttività, fost l-oħrajn permezz ta' kapaċità aqwa ta' innovazzjoni u ta' assorbiment ta' teknoloġiji ġodda, u anke billi jiżgura tqabbil aħjar bejn id-domanda għall-ħiliet u l-provvista tagħhom, u billi jtejjeb il-prospetti tal-impjegabbiltà.
- **Politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMP)** u servizzi pubbliċi tal-impjiegi li huma effikaċi u li jiffunzjonaw tajjeb jistgħu wkoll jagħtu redditu ekonomiku billi jżidu l-effiċjenza tas-suq tax-xogħol, itaffu n-nuqqasijiet tal-ħiliet u l-ispariġġ tagħhom, u jsaħħu l-parteciġazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol.
- L-investiment fil-**kura għal pazjenti ta' barra, il-kura tas-saħħa primarja u l-kura fit-tul** jista' jikkontribwixxi għal kura tas-saħħa aħjar u jippermetti ukoll l-iffrankar (permezz ta' spejjeż imnaqqsa għall-forniment ta' ċerti servizzi) u b'hekk jappoġġa s-sostenibbiltà fiskali.

### **Messaġġ 3: Il-protezzjoni soċjali u l-istabbilizzazzjoni ekonomika**

- Ir-reżiljenza tal-impatt, jiġifieri l-kapaċità ta' pajjiż li jassorbi skossi sistemiċi, hija assoċjata mill-qrib ma' sistemi ta' protezzjoni soċjali ta' livell għoli, imfassla tajjeb u inklużivi, partikolarment il-benefiċċji tal-qgħad u l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.
- L-evidenza tar-redditu ekonomiku tan-nefqa għall-protezzjoni soċjali tista' tidher:
  - fil-livell **mikro** tal-individwi u l-unitajiet domestiċi: l-effetti li jżidu t-tkabbir jistgħu jkunu mistennija l-aktar mill-aspetti tal-introjtu u tal-konsum, kif ukoll billi l-assi produttivi (fosthom il-kapital uman) jitħallew jakkumulaw u l-kapital produttiv jiġi protett wara skoss. Barra minn hekk, il-protezzjoni soċjali tista' trawwem l-intraprenditorija u l-innovazzjoni, billi ttaffi l-averżjoni għar-riskju fil-livell individwali u tiġġenera effetti multiplikaturi fil-livell tal-komunità.
  - fil-livell **makro**: il-protezzjoni soċjali jista' jkollha effetti ta' żieda fit-tkabbir fuq l-ekonomija billi żżid il-produttività aggregata tal-unitajiet domestiċi, tistimula d-domanda aggregata u b'hekk żżid l-impjiegi, speċjalment permezz ta' nfiq kontroċikliku waqt reċessjoni ekonomika.

- Ir-redditi ekonomiċi tal-infiq fuq il-protezzjoni soċjali attiraw attenzjoni relattivament limitata mir-riċerkaturi. Hemm bżonn ta' aktar evidenza empirika dwar dawn ir-redditi u r-rwol li l-investment soċjali jista' jaqdi biex jagħti spinta f'dan il-kuntest.
- Għadd ta' studji jappoġġaw il-fehma li l-inugwaljanza xxekkel it-tkabbir fuq medda itwal ta' żmien. Il-letteratura tirreferi wkoll għal effett pożittiv possibbli tal-inugwaljanza fuq it-tkabbir permezz ta' inċentivi avversi (għall-innovazzjoni u l-intraprenditorija) kif ukoll permezz tat-tfaddil u l-investment.

#### **Messaġġ 4: Approċċi biex jitkejlu r-redditi tal-investment soċjali**

- Bħal fi kwalunkwe kategorija ta' deċiżjonijiet ekonomiċi, għandu jitqies il-kost tal-għażla tal-investment soċjali. L-ekonomisti jippruvaw jindirizzaw din il-kwistjoni billi jqisu l-kostijiet u l-benefiċċji ta' kull opzjoni; karatteristika tal-analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji (CBA) hija li tipprova tkejjel l-effetti kollha ta' opzjoni politika f'unitajiet monetarji.
- Fil-qasam tal-investment soċjali, huwa diffiċli ferm li l-kostijiet, u speċjalment il-benefiċċji, jiġu espressi f'termini monetarji. Xi wħud mill-effetti ma għandhomx valur tipikament monetarju (pereżempju, it-tnaqqis fil-faqar jew iż-żieda fl-inklużjoni soċjali, eżiti aħjar tas-saħħa), minkejja l-impatt ekonomiku. Analiżi tad-deċiżjoni b'diversi kriterji (MCDA) tippermetti li titqies firxa wiesgħa ta' kriterji ta' valutazzjoni.
- Xi wħud mir-redditi tal-investment soċjali jistgħu jidhru biss fit-tul. Għalhekk huwa importanti li jkun hemm data lonġitudinali, minn sħarriġ u/jew sorsi amministrattivi, li jkopru perjodi twal ta' żmien.
- Approċċ komplementari għas-CBA hija l-valutazzjoni tal-impatti distributtivi (DIA). Din tinvolvi analiżi kwantitattiva li tagħti valutazzjoni tal-effetti distributtivi tar-riformi u l-investment, u b'hekk tal-impatti tagħhom fuq l-introjtu ta' gruppi differenti, u fuq kollox fuq l-inugwaljanza fl-introjtu u l-faqar.

- L-għażla tal-approċċ u tal-fatturi rilevanti li għandhom jiġu inklużi fl-immudellar għandha l-limitazzjonijiet u l-isfidi tagħha li huma marbuta speċifikament mal-qasam tal-investment soċjali. Filwaqt li l-ebda mudell ma jista' jiġbor fih dawn l-elementi kollha f'salt, importanti li l-għażliet tal-presuppożizzjonijiet ikunu trasparenti, u l-metodi jkunu msejsa fuq analiżi infurmata.
- Linji gwida komuni jistgħu jiġu żviluppati fil-livell tal-UE biex jidentifikaw rabtiet ċari, jippromwovu u jiżguraw analiżi ta' kwalità għolja tal-investment soċjali u tal-eżiti ekonomiċi u soċjali tagħhom u jesploraw aktar il-kawżalitajiet sottostanti.
- Għalhekk jistgħu jintużaw metodi differenti għall-kejl tar-redditi tal-investment soċjali, fil-livell mikro kif ukoll dak makro, bħal:
  - Livell mikro: mikrosimulazzjonijiet, provi kliniċi kkontrollati, metodi ta' tqabbil, disinn tad-diskontinwità tar-rigressjoni, differenza fid-differenza, metodi kwalitattivi (gruppi fokali u intervisti bir-reqqa)
  - Livell makro: metodu tal-mumentu ġeneralizzat tas-sistema, analiżi tal-effiċjenza tal-fruntiera, matriċi ta' kontabbiltà soċjali u mudelli ta' ekwilibriju ġenerali li jista' jitkejjel

Il-ħidma esploratorja tista' tkun utli meta titqies fil-valutazzjoni tal-interazzjonijiet bejn id-data ekonomika u dik soċjali bil-ħsieb li tagħti ħarsa aktar komprensiva b'diversi skopijiet tal-interrelazzjonijiet bejn il-benesseri ekonomiku u dak soċjetali, bħal pereżempju l-aktar ħidma reċenti dwar is-Sistema ta' Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali (SEEA).

#### **Messaġġ 5: Kapaċità statistika għall-evalwazzjoni tal-investment soċjali.**

- Fil-qasam tal-investment soċjali, il-ġestjoni tad-data u l-aċċess għaliha, kif ukoll l-għodod u l-kapaċità tal-istatistika jaqdu rwol kruċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u jippermettu l-valutazzjonijiet tal-impatt, u tfassil aħjar tal-politika. L-investment soċjali jinkludi firxa wiesgħa ta' politiki, u l-aċċess għal data xierqa huwa strumentali għall-evalwazzjoni tagħhom.

- Il-kwistjoni tad-data hija marbuta mill-qrib ma' dik tal-**formulazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika pubblika** u l-investment soċjali. Il-preċiżjoni u l-kwalità tar-riżultati pprovduti mid-diversi għodod ta' valutazzjoni disponibbli (kemm jekk huma makro kif ukoll mikro, ex ante jew ex post) tabilħaqq jiddependu ħafna fuq id-data disponibbli. Hija marbuta wkoll mat-**trasparenza u l-irfigħ tar-responsabbiltà**.
- Sabiex tikber il-firxa tal-valutazzjonijiet tal-impatt, sikwit ikun hemm bżonn ta' data aktar dettaljata. Analiżi komprensiva teħtieġ kampjun imdaqqas u rappreżentattiv li jinkludi l-komponenti rekwiżiti tal-politiki differenti eżaminati. Għalhekk, disponibbiltà aħjar tad-**data amministrattiva** għall-valutazzjonijiet tal-impatt ex ante u ex post tal-politika għandha tkun prijorità, flimkien mat-titjib tal-komplementarjetajiet ma' data minn stħarriġ li tista' titqabbel fil-livell nazzjonali u dak tal-UE.
- Sabiex jinkiseb dan, importanti li t-ħassib dwar il-**privatezza**, is-**sigurtà tad-data**, il-**burokrazija**, in-**nuqqas ta' inċentivi għat-trasparenza**, u l-kompetizzjoni bejn l-istituzzjonijiet, fost tħassib ieħor, jiġi indirizzat kif xieraq. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) iżid saff ta' kumplessità għall-aċċessibbiltà tad-data, waqt li jippreżenta sfida notevoli, partikolarment fil-kuntest Ewropew.
- Huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data u l-ħtieġa li l-politiki pubbliċi jiġu vvalutati b'aktar effikaċja. Għandhom jiġu stabbiliti oqfsa legali u regolamenti ċari biex jiggwidaw il-kondiviżjoni tad-data, u għandhom jinħolqu inċentivi biex jinkoraġġixxu t-trasparenza u l-kollaborazzjoni. F'dan il-kuntest, għandu jsir użu sħiħ mill-Att Ewropew dwar il-Governanza tad-Data applikabbli minn Settembru 2023.
- Kien hemm progress konsiderevoli biex l-indikaturi soċjali tal-UE jingħataw aktar f'waqthom. Madankollu, importanti li dan jitjeb, **kemm billi d-data tingħata aktar f'waqtha u billi jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' statistika għal tħassir fl-immedjat**. L-Istimi Flash ikkalkulati mill-Eurostat joffru possibbiltà promettenti f'dan ir-rigward.

Id-Dokument ta' Ħidma, imħejji b'mod konġunt minn Spanja u l-Belġju fil-qafas tal-IWGSI huwa disponibbli fil-link mogħtija <https://www.inclusion.gob.es/documents/384697/3692129/IWGSI+-+Working+Document+14112023.pdf>. Dan id-dokument jagħti definizzjoni operattiva tal-investment soċjali, jesplora b'mod komprensiv ir-redditi ekonomiċi u soċjali assoċjati mal-investment soċjali u jissuġġerixxi approċċi differenti għall-valutazzjoni ta' investment bħal dan. Barra minn hekk, jintroduċi firxa wiesgħa ta' għodod metodoloġiċi mfassla biex ikejlu dawn ir-redditi b'mod effettiv.

---